# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/929

**tas-6 ta' Mejju 2021**

**dwar ir-regolamentazzjoni tal-kuntatti bejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jesiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 11(2) jesiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

(2) L-Artikolu 15(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi li, sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ.

(3) Skont l-Artikolu 298 TFUE, fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti.

(4) Biex l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni ("l-istituzzjonijiet tal-Unjoni") jaħdmu b'mod kemm jista' jkun miftuħ, jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati jitħallew jipprovdu l-fehmiet u l-għarfien espert tagħhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex jitjiebu l-kwalità tad-deċiżjonijiet li jkunu qed jittieħdu u l-appoġġ għalihom.

(5) Biex tinżamm il-fiduċja fil-proċessi politiċi, leġiżlattivi u amministrattivi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-kuntatti mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess isiru b'mod trasparenti u etiku.

(6) Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea kkonkludew Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju ([1]) ("il-Ftehim Interistituzzjonali").

(7) Il-Kunsill huwa impenjat li jistabbilixxi qafas għall-kuntatti trasparenti u etiċi bejn ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u l-uffiċjali u l-aġenti (il-"persunal") tas-Segretarjat Ġenerali tiegħu, billi jintroduċi prinċipju ta' kondizzjonalità. Skont dak il-prinċipju, ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' trasparenza hija prekondizzjoni neċessarja biex ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ikunu jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet koperti mill-Ftehim Interistituzzjonali.

(8) Il-Kunsill iqis li l-istabbiliment ta' reġistru ta' trasparenza, komuni għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u miftuħ għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni, huwa l-aktar mod effettiv biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' kondizzjonalità. Jenħtieġ li r-rispett tal-kodiċi ta' kondotta anness mal-Ftehim Interistituzzjonali jkun prekondizzjoni għar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' trasparenza.

(9) Jenħtieġ li l-organi tar-reġistru ta' trasparenza jkollhom is-setgħa li jadottaw, anki f'isem il-Kunsill, deċiżjonijiet individwali dwar applikanti u reġistranti, skont il-Ftehim Interistituzzjonali.

(10) Xejn f'din id-Deċiżjoni ma għandu jiġi interpretat bħala li jagħti lil rappreżentanti ta' gruppi ta' interess irreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza dritt privileġġjat ta' aċċess għal dokumenti miżmuma mill-Kunsill,

([1]) Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju (ara paġna 1 ta' da nil-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Prinċipju ta' kondizzjonalità**

Fil-każijiet previsti f'din id-Deċiżjoni u f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali, ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' trasparenza għandha tkun prekondizzjoni meħtieġa biex ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ikunu jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet.

*Artikolu 2*

**Reġistru ta' trasparenza**

1. Il-Ftehim Interistituzzjonali jiddefinixxi l-ambitu tal-attivitajiet imwettqa minn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li huma soġġetti għal reġistrazzjoni, kif ukoll il-kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà u r-reġistrazzjoni ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fir-reġistru ta' trasparenza.

2. Il-Kunsill għandu jkun rappreżentat fil-Bord tat-Tmexxija tar-reġistru ta' trasparenza mis-Segretarju Ġenerali tiegħu. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddeċiedi b'kunsens u jkun assistit minn Segretarjat konġunt skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali.

3. Il-Bord tat-Tmexxija u s-Segretarjat għandu jkollhom is-setgħa li jadottaw f'isem il-Kunsill deċiżjonijiet individwali dwar applikanti u reġistranti, skont il-Ftehim Interistituzzjonali.

*Artikolu 3*

**Laqgħat ma' persunal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill**

1. Il-laqgħat organizzati bejn ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u s-Segretarju Ġenerali u d-Diretturi Ġenerali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom ikunu bil-kondizzjoni li ssir reġistrazzjoni minn qabel tar-rappreżentanti tal-gruppi ta' interess fir-reġistru ta' trasparenza.

2. Meta jkun f'kuntatt ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, il-persunal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jirrispetta r-regoli u l-istandards ta' mġiba stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([2]), u r-regoli interni pertinenti l-oħra tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jadotta kull struzzjoni addizzjonali lill-persunal li tista' tkun meħtieġa biex jiġu implimentati dawk ir-regoli u l-istandards, skont il-prinċipji stipulati f'din id-Deċiżjoni.

3. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu jieħu miżuri biex iqajjem kuxjenza fost il-persunal dwar ir-regoli applikabbli għal kuntatti ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess.

*Artikolu 4*

**Laqgħat ta' informazzjoni tematiċi**

Il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess f'laqgħat ta' informazzjoni tematiċi, li jkunu organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, fejn adatt u wara konsultazzjoni mal-Presidenza tal-Kunsill, għandha tkun bil-kondizzjoni tar-reġistrazzjoni minn qabel tagħhom fir-reġistru ta' trasparenza.

([2]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

*Artikolu 5*

**Attivitajiet pubbliċi**

Il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fil-kapaċità professjonali tagħhom, bħala kelliema f'attivitajiet pubbliċi organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandha tkun bil-kondizzjoni tar-reġistrazzjoni ta' tali rappreżentanti ta' gruppi ta' interess fir-reġistru ta' trasparenza.

*Artikolu 6*

**Aċċess għall-bini tal-Kunsill**

1. Biex jitwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħti lir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess badges nominattivi li jagħtuhom aċċess temporanju għall-bini tal-Kunsill, soġġett għal reġistrazzjoni minn qabel fir-reġistru ta' trasparenza u r-rispett għar-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ma għandhomx jattendu laqgħat tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu, sakemm il-preżenza tagħhom ma tkunx awtorizzata f'konformità mad-Deċiżjoni ta-Kunsill 2009/937/UE ([3]) (ir-"Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill").

2. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jiddetermina r-rekwiżiti ta' sigurtà u ta' identità għall-ħruġ ta' badges lil rappreżentanti ta' gruppi ta' interess.

*Artikolu 7*

**Aċċess għal dokumenti**

L-aċċess għal dokumenti tal-Kunsill minn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess għandu jkun irregolat bir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

*Artikolu 8*

**Implimentazzjoni**

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jieħu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).
([4]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).